# Rimedju Kollettiv

# Dokument bi sfond Teoretiku

# 2022- 2023

Collective Redress - Malta
December 2022 - version 1

European Commission

Introduzzjoni għad-dokument sfond teoretiku ... 3
**1. Introduzzjoni: definizzjoni u storja ta' kumpens kollettiv** ... 4
**1.1. Definizzjoni** ... 4
1.2. Storja ta' kumpens kollettiv ... 5
1.3. Kif id-Direttiva dwar Azzjonijiet Rappreżentattivi tal-UE taħdem ma' mekkaniżmi nazzjonali li diġa' jeżistu ta' kumpens kollettiv? ... 6
1.4. Ir-rimedju kollettiv fost l-infuzar tal-liġijiet tal-konsumatur fl-UE ... 7
**2. Għaliex ir-rimedju kollettiv hu importanti?** ... 8
2.1. Għall-konsumaturi ... 8
2.2. Għall-ġudkaturai ... 9
2.3. Għan-negozjanti ... 9
**3. Kumpens Kollettiv: F'liema setturi, it-tip tal-ħsarat, u liema rimedji** ... 10
3.1. L-Għan ... 10
3.2. Ħsarat u Rimedji ... 11
3.3. Fejn għandek tieħu azzjonijiet ta' kumpens kollettivi? ... 12
**4. Il-qagħda Legali: min jista' jieħu azzjoni biex jikseb kumpens kollettiv?** ... 13
4.1. IL-mudell Ewropew ibbażat fuq azzjoni rappreżentattiva ... 13
4.2. X'inhi 'entita' kwalifikata u min jista' japplika biex isir hekk? ... 14
4.3. Entitajiet kwalifikati għall-skop ta' azzjoni rappreżentattiva fuq livell nazzjonali u meta jkunu involuti aktar minn Stat wieħed ... 14
4.4. Biex issir entita' kwalifikata ... 15
4.5. X'inhuma r-responsabbiltajiet meta entita' ssir kwalifikata? ... 17
4.6. L-informazzjoni fuq l-entitajiet kwalifikati hi ppubblikata? ... 18
4.7. L-entitajiet kwalifikati huma ċċekjati? Jistgħu jitilfu r-rikonxximent? ... 18
**5. Gruppi ta' konsumaturi li jitolbu rimedju kollettiv. Meta u kif jitwaqqfu?** ... 19
5.1 Il-konsumaturi li għalihom tittieħed azzjoni f'isimhom ... 19
5.2 Opt-in u opt-out ... 19
5.3 Għaliex hi importanti? ... 20
5.4. Min jiddeċiedi liema sistema tintuża? ... 20
5.5. Meta l-konsumaturi jkollhom 'opt-in jew opt-out'? ... 22
**6. Kif konsumaturi jiġu infurmatii waqt l-azzjoni kollettiva** ... 22

6.1. Min iżomm il-konsumaturi infurmati u meta jkunu infurmati? .......... 22
6.2. Kif għandhom jiġu infurmati l-konsumaturi dwar azzjonijiet għall-kumpens kollettiv? .......... 24
**7. Kif tidħol f'azzjoni ta' rimedju kollettiv** .......... 24
7.1. Għalfejn hemm bżonn ta' regolamenti f'azzjoni ta' kumpens kollettiv? .......... 24
7.2. X'inhuma l-ħtieġiet biex l-azzjoni kollettiva tiġi aċċetta? .......... 25
7.3. Min hu responsabbli biex jaċċetta li azzjoni rappreżentattiva tissodisfa l-ħtieġiet tal-proċeduri legali? .......... 25
**8. Fondi u finanzjament biex tittieħed l-azzjoni rappreżentattiva** .......... 26
**9. Soluzzjonijiet barra l-Qorti u kumpens kollettiv** .......... 27
9.1. Konsultazzjonijiet biex jintlaħaq ftehim .......... 27
9.2. Ftehim għall-kumpens u l-iskrutinju tagħhom .......... 28
**10. Infurzar tad-deċiżjonijiet finali u ammonti ta' kumpens mhux miġbura** .......... 29
**11. Azzjonijiet għal rimedju kollettivi aktar minn pajjiż wieħed** .......... 30
11.1. Entitajiet kwalifikati li jressqu azzjonijiet rappreżentattivi .......... 30
11.2. Regoli internazzjonali ċivili japplikaw għall-azzjonijiet ta' kumpens kollettiv .......... 30
**12. Aktar riżorsi u referenzi oħra** .......... 31

Dan il-materjal sar fil-kuntest tal-proġett *Consumer PRO*, li hu inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea taħt il-European Consumer Programme. L-għajnuna tal-Kummissjoni Ewropea ma tfissirx qbil mal-kontenut ta' dan id-dokument li jirrifletti biss il-perspettiva tal-awturi. Il-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli tal-użu tal-informazzjoni ta' dan id-dokument.

# INTRODUZZJONI GĦALL-ISFOND TEORETIKU



Għażiż qarrej,

Dan id-dokument ta' sfond teoretiku hu parti mill-affarijiet ta' taħriġ li ġew zviluppati mill-Consumer Pro, li hu inizjattiva tal-UE bil-għan li organizzazzjonijiet tal-konsumaturi u organizzazzjonijiet fil-qasam tal-*policy* tal-konsumaturi jkunu ppreparati aħjar biex jipproteġu lill-konsumaturi f'pajjiżhom.

L-għan ta' dan id-dokument hu li jagħtik u lit-tim tiegħek informazzjoni applikabbli u ta' użu fuq il-kumpens kollettiv. Id-dokument ġie ppreparat mill-esperti tal-BEUC fil-qasam tal-*policy* dwar il-kumpens kollettiv, kif tarah l-UE biex:

- Tħarreġ malajr timijiet li jaħdmu f'dan il-qasam,
- Issib informazzjoni li tgħodd,
- Biex l-impjegati jinfurmaw aħjar lill-konsumaturi dwar id-drittijiet tagħhom, u,
- Biex il-ministeri u l-awtoritajiet nazzjonali jkunu konxji dwar il-kumpens kollettiv.

Dan id-dokument bi sfond teoretiku jifforma parti minn grupp ta' riżorsi ta' taħriġ li huma intenzjonati biex jiġu rranġati skont il-karatteristiċi partikolari tal-pajjiż meta dawn jeżistu. Hemm dokumenti oħra li jgħinu u tista' ssibhom online fuq suġġetti bħad-Drittijiet Diġitali u l-Liġi tal-Konsumaturi. Dawn huma bl-Ingliż u lingwi oħra Ewropej.

## Dwar Consumer PRO

**Consumer PRO** hu inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea fil-Programm Ewropew tal-Konsumaturi u mħaddem mill-BEUC – l-Organizzazzjoni Ewropea tal-Konsumatur. L-għan hu li ntejbu l-kapaċita' tal-organizzazzjonijiet Ewropej tal-konsumaturi u oħrajn li jaħdmu fil-qasam tal-*policy* tal-konsumaturi permezz ta' edukazzjoni informali. Dan il-proġett jinkludi lill-Membri Stati tal-UE, l-Iżlanda u n-Norveġja.

Għal aktar informazzjoni, ikteb lill-Info@consumer-pro.eu.

# 1. INTRODUZZJONI: DEFINIZZJONIJIET U STORJA QASIRA TA' RIMEDJU KOLLETTIV

## 1.1. Definizzjoni

- ***X'inhu "rimedju kollettiv"?***

Rimedju kollettiv hu frażi li tiġbor fiha kull tip ta' proċeduri li bihom gruppi ta' individwi jistgħu jaħdmu flimkien biex iġibu l-waqfien ta' prattiċi illegali u/jew miżuri biex tirrimedja, fosthom iġġib kumpens, għad-dannu kollettiv li jkun ġie sofrut. Mill-2010, il-*policies* tal-UE ppreferew li jużaw il-frażi "rimedju kollettiv" milli l-frażi Amerikana ta' "class action". L-għan kien li toħroġ id-differenza mal-mudell Amerikan li jbati minn reputazzjoni negattiva.

***Azzjoni kollettiva fl-I.U.: vera 'Mostru Frankenstein'?***



Azzjoni kollettiva fl-Istati Uniti xi kultant isejħulha 'Mostru Frankenstein' li twassal għall-abbuzi bħal rikatt u kawżi l-qorti bla sens, li jpoġġu s-swieq u l-ekonomiji f'riskju. Fil-verita' dawn l-abbużi ġew ikkontrollati. Bħal ma qal akkademiku Amerikan, "much of the controversy has been highly emotional and individual cases have been transmogrified over the years into cosmic anecdotes" *

Bħal ma emfasizzat il-KE fl-2008, il-qofol tal-problema mhix l-azzjoni kollettiva imma t-taħlita ta' azzjoni kollettiva, ħsarat punittivi, ħlas tal-avukati jekk jintrebaħ il-każ u l-proċess ta' 'pre-trial discovery' (tagħrif dwar dan il-process), li jgħoddu biss fil-prċeduri legali tal-Istati Uniti.

- ***"Azzjoni Rappreżkentattiva", "azzjoni ta' grupp", "azzjoni kollettiva" u frażijiet oħra***

Direttiva (EU) 2020/1828 dwar "Azzjonijiet Rappreżentattivi" jew "RAD" tuża l-frażi 'azzjoni rappreżentattiva' għal rimedju kollettiv li skont id-Direttiva jrid ikun f'kull Membru Statali tal-UE. Skont din id-Direttiva, 'azzjoni rappreżentattiva' hi proċedura biex ikun hemm kumpens kollettiv. Hi sitwazzjoni fejn 'entita(jiet) kwalifikata(i)' jagħmlu talba l-qorti jew awtorita' amminstrattiva f'isem il-konsumaturi biex jiksbu twissija legali kontra xi azzjoni jew kumpens jew it-tnejn f'daqqa.

Tajjeb ninnutaw li r-rimedju kollettiv f'pajjiżi differenti, jista' jissejjaħ b'mod differenti. Per eżempju, fi Franza dan hu msejjaħ *"group action",* filwaqt li fil-Belgjum hu msejjaħ *"collective action"* u fil-Portugal *"popular action"*.

---

*A.H. MILLER, 'Of Frankenstein Monsters and Shining Knights: Myths, Reality and the Class Action Problem', (92) *Harvard Law Review*, 1979, n°3, pp.664-694

**F'Malta, l-Att dwar il-Proċeduri Kollettivi (Kap. 520 tal-Liġijiet ta' Malta) jipprovdi l-possibilta' ta' proċeduri kollettivi, kif tissejjaħ f'Malta, għall-azzjonijiet speċifiċi li jittieħdu fl-interess kollettiv.**

## 1.2. L-istorja ta' rimedju kollettiv

- ***Il-firxa ta' rimedju kollettiv madwar id-dinja***

Kontra dak li jaħsbu ħafna, il-kumpens kollettiv mhux xi ħaġa li żviluppat riċentament u lanqas bdiet fl-Istati Uniti. Forom bikrin ta' rimedju kollettiv kienu diġa' preżenti fl-Ingilterra medjovali fejn gruppi ta' bdiewa u persuni f'komunita' setgħu jieħdu passi flimkien biex jissalvagwardjaw id-drittijiet tagħhom. Il-forom moderni bdew fis-sittinijiet fl-Istati Uniti u wara fid-disgħinijiet sew fl-Awstralja u fil-Kanada. Dawn il-forom waslu sew fl-Ewropa kmieni fl-2000, 2010 u fl-2020.

Ir-rimedju kollettiv infirex minħabba raġunijiet differenti, komplikazzjonijiet u ħafna drabi minħabba s-sitwazzjoni ġol-pajjiż. F'ċerti pajjiżi din il-proċedura ġiet inkoraġġuta mill-qrati stess u żviluppat għax dan l-inkoraġġiment ħoloq ir-rieda li każijiet li kien fihom ħafna talbiet, ħafna drabi ta' mijiet ta' talbiet ta' kumpens, jiġu solvuti b'mod aktar effiċjenti sew min-naħa tal-ispejjeż involuti u sew mit-tul ta' żmien. F'pajjiżi oħra daħal dan il-proċess għaliex kien l-unika soluzzjoni biex isolvi n-numri kbar ta' każijiet fejn kien qed jinħoloq dannu lill-konsumaturi.

- ***Fuq livell tal-Unjoni Ewropea***

Fuq livell Ewropew, it-triq li wasslet għal rimedju kollettiv kienet waħda twila u mimlija diffikultajiet. Dawk li kienu qed jippjanaw din il-*policy* riedu jsibu bilanċ bejn il-bżonn li jinħoloq mekkaniżmu li jwassal ġustizzja lil dawk l-individwi kollha li jkunu sofrew minħabba sitwazzjonijiet ta' dannu li jkunu nħolqu minn xi negozji u min-naħa l-oħra li ma jkunx hemm liġi li twassal għall-abbużi fil-proċess legali.

Fl-2013 il-KE kienet ħarġet Rakkomandazzjoni li fiha kien hemm 11-il prinċipju bħala bażi tar-rimedju kollettiv biex tħajjar Stati Membri biex jadottaw dan il-mekkaniżmu u fl-istess ħin gwida, permezz tal-prinċipji, kif għandu jiġi adattat. F'Jannar 2018 il-KE ħarġet rapport dwar l-impatt tar-Rakkomandazzjoni tal-2013. Ġie nnutat l-ammont ta' mekkaniżmi ta' rimedju kollettiv li ġew adottati fl-Ewropa. Ġie nnutat li f'ċerti pajjiżi dan il-mekanniżmu kien għadu ma ġiex introdott. Dan ir-rapport kien fi żmien Dieselgate (fejn ċerti kumpaniji tal-karozzi daħħlu teknoloġija li tqarraq meta jsiru testijiet tal-emissjonijiet). Filwaqt li fl-Istati Uniti l-konsumaturi kollha kienu rċevew kumpens fi ftit xhur, il-konsumaturi Ewropew baqgħu

b'idhom vojta, sitwazzjoni li tiċċassak imma li ħarġet fil-beraħ in-nuqqas li kien hemm fil-metodi biex niggarantixxu kumpens lill-konsumaturi f'sitwazzjoni li tolqot gruppi kbar.

Kien f'dan l-ambjent li l-KE f'April 2018 ħarġet il-pakkett "New Deal for Consumers". Dan kien fih proposti fuq żewġ direttivi. L-ewwel kienet il-proposta għal Direttiva dwar azzjonijiet kollettivi biex jipproteġu l-konsumaturi b'intenzjoni li timmodernizza u tkompli tibni fuq id-Direttiva ta' Inġunzjonijiet għall-Protezzjoni tal-Konsumaturi (Direttiva 2009/22/EC). Fil-25 ta' Novembru 2020, l-UE adottat id-Direttiva 2020/1828 dwar Azzjonijiet Rappreżentattivi għall-Protezzjoni tal-Interessi tal-Konsumaturi. L-Istati Membri għandhom sa Diċembru 2022 biex jadottaw din id-Direttiva fil-liġijiet tagħhom peress li dawn ir-regoli ser ikunu effettivi f'Ġunju 2023.

- ***Fuq livell nazzjonali***

Kif jidher fid-disinn t'hawn taħt, ħafna Stati Membri daħħlu mekkaniżmi biex ikun hemm kumpens kollettiv. Dawn, iżda, għandhom differenzi kbar fil-proċeduri.




## 1.3. Kif id-Direttiva Azzjonijiet Rappreżentattivi fl-EU taħdem ma' mekkaniżmi nazzjonali li diġa' jeżistu ta' kumpens kollettiv?

L-għan tad-Direttiva Azzjonijiet Rappreżentattivi hu li tiżgura li l-Istati Membri għall-anqas ikollhom miżura waħda li taħseb sew fil-inġunzjonijiet u rimejdu kollettiv għall-konsumaturi. Biss l-iskop tad-Direttiva mhux li jneħħi jew jieħu post il-mekkaniżmi li diġa' hemm. L-implimentazzjoni tad-Direttiva ser tagħti l-opportunita' li jew il-mekkaniżmu li hemm jiġi

adattat biex ikun konformi mad-Direttiva jew li jinħoloq mekkaniżmu ġdid ma' dak li diġa' hemm. Dawk l-Istati Membri li llum m'għandhomx diġa' dan il-mekkaniżmu fuq livell nazzjonali, fil-futur jistgħu li joħolqu mekkaniżmu li jaħdem fuq livell nazzjonali ma' dak tad-Direttiva.

Biss, **irid ikun hemm minn ta' l-anqas mekkaniżmu wieħed li jaqbel mal-ħtiġiet tad-Direttiva**. L-entitajiet kwalifikati jkunu jistgħu jagħżlu liema mekkaniżmu jużaw (taħt id-Direttiva jew il-liġi li diga' hemm) biex jipproteġu l-interessi tal-konsumaturi bħala grupp.




## 1.4. Ir-rimedju kollettiv fost l-infurzar tal-liġijiet tal-konsumaturi fl-UE

Ir-rimedju kollettiv hu weħed mill-mezzi li hemm fis-sistema tal-infurzar Ewropew tal-liġijiet tal-konsumaturi li fost affarijiet oħra tinkludi infurzar pubbliku mill-awtoritajiet, soluzzjonijiet barra l-qorti u soluzzjonijiet alternattivi (ADR/ODR) u azzjonijiet oħra legali. F'ċerti Stati Membri hemm sistemi li jgħaqqdu mekkaniżmi flimkien. Per eżempju, fil-Belġju u fid-Danimarka, ċerti ombudsmen jistgħu jressqu azzjonijiet f'isem il-konsumaturi biex jassiguraw kumpens kollettiv.

| IL-MEZZI TAL-INFURZAR TAL-UE | | | |
|---|---|---|---|
| **Tip ta' infurzar** | **Infurzar pubbliku** | **Infurzar privat** | **out-of-court/alternative dispute resolution** |
| **Liġijiet** | Regola 2017/2394 (*CPC regulation*) | Direttiva 2020/1828 *(Azzjonijiet Rappreżentattivi għall-protezzjoni tal-interessi kollettivi tal-konsumaturi)*<br><br>Direttiva 2009/22 *(Inġuzjonijiet għall-Protezzjoni tal-Interessi tal-Konsumaturi).*<br><br>Regola 861/2007 *(Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar*)<br><br>Regulation 1896/2006 *(Ordni ta' Ħlas Ewropea)* | Direttiva 2013/11 *(Consumer ADR Directive)*<br><br>Regola 524/2013 *(ODR Regulation)* |
| **Entitajiet prinċipali** | Awtoritajiet Pubbliċi tal-infurzar | Entitajiet kwalifikati li jieħdu azzjoni kollettiva. Qrati u awtoritajiet amministrattivi li huma responsabbli minn ordni legali kontra xi azzjoni jew azzjonijiet f'isem il-konsumaturi | Ombudsmen u/jew entitajiet ta' natura differenti tal-ADR |

# 2. GĦALIEX IR -RIMEDJU KOLLETTIV HU IMPORTANTI

## 2.1. GĦALL-KONSUMATURI

Studji sabu li konsumaturi ma jieħdu l-ebda azzjoni legali meta jemmnu li l-proċess hu wieħed twil ħafna (41%)[2], meta l-ammont ta' flus involut hu wieħed żgħir (35%), meta l-ilment jista' ma jwassalx għal soluzzjoni favurihom (34%), jew meta ma jafux fejn u kif jistgħu jieħdu l-ilment tagħhom (20.1%). Ħafna konsumaturi jħossuhom skoraġġuti milli jieħdu azzjoni kontra kumpaniji multinazzjonali għax jemmnu li ser jitilfuhom jew li l-każ hu żbilanċjata kontrihom. Dan ifisser li f'ħafna każi l-konsumaturi m'għandhomx inċentivi biex jieħdu azzjoni biex jiżguraw l-interessi tagħhom għaliex iħossu li l-proċess legali jieħu ħafna spejjeż u/jew jieħu żmien twil u għalhekk ma jaqbillhomx. Is-sitwazzjoni hi partikolarment problematika meta s-somma globali hi waħda kbira imma żgħira għal kull konsumatur. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, l-ebda konsumatur m'hu ħerqan li jieħu azzjoni għad-drittijiet tiegħu u b'hekk ċerti negozjanti jaħtfu l-opportunita' li jagħmlu qligħ illegali. Hu minħabba f'hekk li l-mekkaniżmu ta' rimedju kollettiv li jagħmilha aktar faċli biex il-konsumaturi jieħdu azzjoni legali, għaliex jistgħu jiġbru l-informazzjoni u r-riżorsi tagħhom kollha u b'hekk joħolqu bilanċ man-negozjanti.

[2] ara *Consumers' Attitudes towards cross-border trade and consumer protection, 2018.*

## 2.2. GĦALL-ĠUDIKATURA

F'sitwazzjonijiet fejn tkun saret ħsara lil ħafna konsumaturi, l-ammont kbir ta' talbiet għall-istess kumpens jista' jpoġġi s-sistema ġudizzjarja f'periklu. Per eżempju, fil-Ġermanja il-każ ta' Deutsche Telekom kellu aktar minn 15,000 talbiet individwali għall-kumpens u kien hemm aktar minn 700 avukat involuti li litteralment waqqfu l-proċess fil-Qorti ta' Frankfurt. Fl-Istati Uniti, imħallef li kien involut f'każ fejn kien hemm azzjoni rappreżentattiva fl-1970 ikkalkula li kien ikun meħtieġ madwar 182 sena żmien tal-qorti li kieku dawn il-każi nstemgħu individwalment. Mhux biss it-tul ta' żmien li kien jinvolvi imma anki konġestjoni tas-sistema ġudizzjarja, ħela ta' riżorsi umani, materjali u finanzi.

*(…) 'Ma tridx kalkoli kkumplikati biex tagħraf li kieku l-1100 każ kienu jinstemgħu individwali b'involviment ta' 38 ġurnata kull każ, il-maġġoranza tal-ġudikatura ma kienet tagħmel xejn tul sena aktar milli tisma' l-każi kontra Bendectin'*

*Judge C.B. RUBIN, in In Re Richardson-Merrell, Inc., 624 F, Supp.1212, 17 Settembru 1985*

## 2.3. GĦAN-NEGOZJANTI

Kuntrarju għal wieħed x'jaħseb, il-mekkaniżmi tar-rimedju kollettiv jistgħu jkunu wkoll ta' benefiċċju għan-negozjanti li jkunu qed jiddefendu l-każ taghhom għax b'hekk jevitaw ħafna talbiet individwali u fl-istess ħin jgħinu lin-negozjanti jiċċaraw jew isolvu l-każijiet. Grupp ta' każijiet flimkien jistgħu jkunu ta' benefiċċju għalihom u jgħinuhom jirregolarizzaw mal-ligi (bħal, per eżempju, jipprovdu informazzjoni lill-azzjonisti) jew li jevitaw ħlasijiet żejda.

### *Il-ftehim kollettiv fl-Olanda: sistema ta' ftehim kollettiv li tissodisfa lin-negozjanti*



Is-sistema fl-Olanda daħlet fl-2005, meta daħlu regoli fuq ftehim kollettiv biex isolvu b'mod prattiku u mingħajr problemi l-każ *diethylstilbesterol* (DES). Fl-1992 fuq deċiżjoni tal-Qorti Suprema Olandiża fejn numru ta' kumpaniji tal-farmaċewtika instabu ħatja, kull individwu kellu jieħu inizjattiva biex jieħu kumpens. Dan ħoloq problema wkoll meta dawn il-kumpaniji ffaċċjaw eluf ta' talbiet f'daqqa. Is-sitwazzjoni tant kienet ikkumplikata li l-Ministru tal-Ġustizzja u l-Industrija qablu biex jiddaħħlu regolamenti li jwasslu għall-ġustizzja b'effiċjenza. Il-proċedura "WCAM" ("*Wet Collectieve Afwikkeling Massaschade*") wasslet biex it-talbiet ġew sodisfatti b'azzjoni waħda li applikat lil kull min kellu interess.

# 3. KUMPENS KOLLETTIV: F'LIEMA SETTURI, IT-TIP TAL-ĦSARAT, U LIEMA RIMEDJI

## 3.1. L-għan

- ***Id-Direttiva ta' Azzjoni Rappreżentattiva***

L-għan tad-Direttiva ta' Azzjoni Rappreżentattiva tal-UE hu li jkopri r-relazzjoni bejn in-negozji u l-konsumaturi taħt il-liġijiet imsemmija f'Appendiċi I tad-Direttiva *(Art. 2 RAD).* Taħt id-Direttiva, l-Istati Membri jistgħu jadottaw il-liġi li tkopri lid-Direttiva biex tħares ukoll gruppi oħra barra l-konsumaturi, in-negozji.

L-azzjonijiet rapppreżentattivi mhux limitati biss għal-Liġi tal-Konsumaturi għax tista' tiġi estiża biex tħares l-interessi tal-konsumaturi f'setturi oħra fosthom, is-servizzi finanzjarji, il-protezzjoni tad-data, ivvjaġġar u turiżmu, enerġija jew telekomunikazzjoni. Fil-fatt mhux problema li l-konsumaturi taħt liġijiet fil-lista jissejħu 'vjaġġaturi', '*users*', "retail investors", "retail clients", "data subjects" u ismijiet oħrajn. Il-liġijiet kollha li tkopri din id-direttiva qegħdin f'Appendiċi 1.




Ta' min jinnota, li mhux l-aspetti kollha tal-liġijiet imsemmija f'Appendiċi 1 jaqgħu taħt id-Direttiva. Id-Direttiva tapplika biss f'aspetti li huma importanti biex iħarsu l-interessi tal-konsumaturi. Għal kull liġi msemmija f'Appendiċi 1 hu importanti li tara l-aspetti msemmija bid-Direttiva.

**Eżempju**: Skont l-Appendiċi 1 tar-RAD…

- **L-aspetti kollha ta' prattiċi inġusti tad-**Direttiva 2005/29 jaqgħu taħt ir-RAD.

- **Fid-Direttiva 2001/83 dwar prodotti mediċinali għall-użu tan-nies jaqgħu taħt ir-**RAD (priċipalment Art. 86-90, 98 u 100).

- ***Rimedju kollettiv fuq livell nazzjonali***

Fuq livell nazzjonali, jista' jkun hemm rimedju kollettiv jew b'mod li jkopri ħafna oqsma jew fi ftit. Jekk nieħdu l-Franza bħala eżempju, dan il-proċess għal rimedju kollettiv ikopri l-qasam tal-konsumaturi, il-kompetizzjoni, saħħa, diskriminazzjoni, u ambjent filwaqt li f'Malta, il-proċeduri kollettivi jistgħu jsiru fl-Att dwar il-Kompetizzjoni, l-Att għall-Affarijiet tal-Konsumaturi u l-Att dwar is-sigurta' tal-prodotti.

## 3.2. Ħsarat u Rimedji

Taħt id-Direttiva dwar Azzjonijiet Rappreżentattivi, azzjonijiet jistgħu jittieħdu sew għall-azzjonijiet legali biex jew iwaqqfu jew ma ]ħallux ħsara ssir jew biex jingħata kumpens.

- **Azzjonijijet legali biex iwaqqfu jew ma jħallux ħsara ssir** mhux marbuta jekk il-ħsara saritx fuq il-konsumatur. Lanqas hi marbuta jekk il-prattika kummerċjali saritx b'intenzjoni jew le. Azzjoni legali, per eżempju, tista' tittieħed biex jitneħħew termini kummerċjali inġusti jew biex tibda tingħata informazzjoni li ma tingħatax jew biex deċiżjoni tal-qorti jew bordijiet amministrattivi jkunu ppubblikati. Il-konsumatur, li jkun ħa azzjoni biex iwaqqaf xi prattika, xorta għandu d-dritt li jieħu azzjoni biex jieħu kumpens.

- **Miżuri ta' kumpens** jistgħu jieħdu forma sew ta' kumpens, tiswija, tibdil, roħs fil-prezz jew ħlas tal-prezz, jew waqfien tal-kuntratt kif xieraq u kif permess taħt il-liġijiet tal-UE jew dawk nazzjonali, skont iċ-ċirkostanzi tal-każ.

Tajjeb ninnutaw li d-Direttiva dwar Azzjonijiet Rappreżentattivi tkopri mhux biss ksur tal-liġi li jkun għaddej imma anki ksur li jkun sar qabel ssir azzjoni rappreżentattiva jew qabel it-teħid tad-deċiżjoni (dejjem skont il-limitazzjonijiet ta' żmien fil-liġi nazzjonali). Azzjoni rappreżentattiva għall-inġunzjonijiet u kumpens kollettiv, taħt ċerti ċirkostanzi, għandhom kundizzjonijiet li jibdlu l-perjodi stabbiliti ta' limitazzjoni applikabbli.

***Jistgħu Azzjonijiet ta' rimedju kollettiv jittieħdu kontra kull tip ta' ħsara, inkluż ħsara materjali u immaterjali?***

Id-Direttiva ma titkellimx fuq liema tip ta' ħsarat jistgħu jittieħdu azzjonijiet kollettivi. Fuq livell nazzjonali, xi Stati Membri jillimitaw l-użu ta' azzjoni kollettiva. Fi Franza, per eżempju, azzjonijiet kollettivi jistgħu jittieħdu biss fil-qasam tal-affarijiet tal-konsumaturi meta l-ħsara tkun materjali. Fil-qasam tal-Protezzjoni u Privatezza tad-data l-azzjonijiet kollettivi jistgħu jittieħdu kontra ħsarat immaterjali.

***Jistgħu jittieħdu azzjonijiet kollettivi kontra 'ħsarat punitivi'?***

Ħsarat punitivi huma danni jew kumpens aktar għoli minn normal. Dawn il-ħsarat punitivi huma bħala kastig għall-imġiba mhux tas-soltu. Għalkemm komuni fl-Istati Uniti, mhux komuni fl-Ewropa. Huma ftit dawk il-pajjiżi Ewropej li japprovaw ħsarat punitivi (eżż. Renju Unit u l-Irlanda). Id-Direttiva għall-azzjonijiet Rappreżentattivi tgħid li 'ħsarat punitivi' għandhom jiġu skartati fuq livell nazzjonali .

## 3.3. Fejn għandek tieħu azzjonijiet ta' kumpens kollettiv?

Biex tkun taf liema qorti jew awtorita' fejn għandek tieħu azzjoni kollettiva għal kumpens trid tistaqsi żewġ mistoqsijiet: Liema qorti jew awtorita' għandi nressaq quddiemha azzjoni ta' kumpens kollettiv? Liema qorti jew awtorita' hi ġeografikalment responsabbli?

- ***Liema qorti jew awtorita' għandi nressaq quddiemha azzjoni ta' kumpens kollettiv?***

Id-Direttiva dwar Azzjonijiet Rappreżentattivi tħalliha f'idejn l-Istat Membru li jiddeċiedi liema qorti jew awtorita' għandha tintuża, skont il-qasam ekonomiku *(Art.7(1) RAD)*.

**Qrati speċjalizzati għall-azzjonijiet ta' kumpens kollettiv?**

Fuq livell nazzjonali xi Stati Membri waqqfu qrati speċjali biex jieħdu ħsieb dawn l-azzjonijiet kollettivi. L-għan hu li bl-esperjenza toħloq speċjalizzazzjoni fuq kif għandhom jinħadmu l-proċeduri u interpretazzjoni tal-ligi u li dawn l-entitajiet jkollhom riżorsi adekwati fosthom dawk umani biex jieħdu ħsieb dawn l-azzjonijiet.

Il-Belġjum hi l-Qorti tal-Kummerċ li hi l-ewwel qorti li tieħu ħsieb dawn l-azzjonijiet u l-Qorti tal-Appelli għall-appelli.

- ***Liema qorti jew awtorita' hi responsabbli ġeografikalment ?***

Id-Direttiva dwar Azzjonijiet Rappreżentattivi ma titkellimx fuq liema qorti jew awtorita' hi ġeografikalment responsabbli u tħalliha f'idejn l-Istati Membri. Għalhekk kull Stat Membru għandu r-regoli tiegħu. Xi Stati Memnbri waqqfu qrati speċjalizzati (ara aktar 'il fuq) biex jieħdu ħsieb dawn l-azzjonijiet kollettivi. Oħrajn jistgħu jużaw ir-regolament ċivili li diġa' jeżisti fejn ħafna minnhom jenħtieġu li l-qorti tkun dik fejn joqgħod in-negozjant akkużat.

**Il-qrati kompetenti fi Franza**

Skont il-proċeduri ċivili, il-qrati kompetenti għall-azzjonijiet kollettivi għal kumpens ("*action de groupe*") huma dawk fejn joqgħod in-negozjant akkużat – jekk in-negozjant joqgħod Marsilja, allura huma l-qrati ta' Marsilja li jieħdu ħsieb il-każ. F'każi fejn in-negozjant joqgħod barra minn Franza jew m'għandux indirizz speċifiku, hi l-qorti ta' Pariġi li ssir il-qorti kompetenti.

F'każi ta' azzjonijiet rappreżentattivi li jinvolvu aktar minn pajjiż wieħed, huma regoli tal-liġi internazzjonali privata tal-UE u l-pajjiż li japplikaw. (ara aktar 'l isfel Sezzjoni 11).

# 4. *IL-QAGĦDA LEGALI*: MIN JISTA' JIEĦU AZZJONI BIEX JIKSEB KUMPENS KOLLETTIV?

## 4.1. Il-mudell Ewropew ibbażat fuq azzjoni rappreżentattiva

L-Azzjoni Rapprezentattiva stabbilita mid-Direttiva – u l-maġġoranza tal-proċeduri diġa' stabbiliti fl-Istati Membri – huma bbażati fuq entitajiet rappreżentattivi. Din tirreferi għal sitwazzjoni fejn entita' rappreżentattiva tieħu azzjoni għan-nom ta' grupp li hu stess mhux involut fil-proċeduri. Din il-proċedura hi differenti minn dik tal-Istati Uniti fejn wieħed jew

numru żgħir ta' konsumaturi li huma stess ikunu qed jitolbu kumpens huma involuti fil-proċeduri għan-nom tal-grupp kollu li qed jitlob kumpens.

*L-entita' rappreżentattiva bbażata fuq il-mudell tal-UE*

*Il-mdell tal-Istati Uniti*

.



## 4.2. X'inhi entita' kwalitattiva u min jista' japplika biex isir hekk?

Għad-Direttiva Azzjonijiet Rapprezentattivi ' azjenda kwalitattiva' hi għaqda jew azjenda pubblika li tirrappreżenta lill-konsumaturi, li ġiet rikonoxxuta minn Stat Membru bħala kkwalifikata biex tieħu azzjoni rappreżentattiva skont id-Direttiva (inklużi għaqdiet tal-konsumaturi li jirrappreżentaw membri f'aktar minn Stat Membru wieħed) *(Art. 3(4) u 4 RAD)*.

Organizzazzjonijiet, li jkunu twaqqfu wara xi ħaġa li laqtet lill-konsumaturi b'mod in ġenerali li tkun ġrat u tgħaqqad dawk l-individwi li jkunu ntlaqtu ħażin b'xi azzjoni ta' xi negozju li tkun laqtet numru sew ta' konsumaturi, tista' tiġi maħtura bħala entita' kkwalifikata biex tkun tista' tieħu azzjoni rappreżentattiva f'isem il-konsumaturi jekk l-Istat Membru jinkludi din il-possibilita' fil-liġi li tkun qed tadatta d-Direttiva *(Recital 28 u Art. 4(6) RAD)*. Organizzazzjoniet li jkunu twaqqfu għal skop partikolari ma jistgħux jiġu maħtura entitajiet kwalifikati għal każi li jkunu jinvolvu aktar minn Stat Membru wieħed.

## 4.3. Entitajiet Kwalifikati għall-iskop ta' azzjoni rappreżentattiva fuq livell nazzjonali u meta jkunu involuti aktar minn Stat Membru wieħed

Id-Direttiva Azzjonijiet Rappreżentattivi tagħmel distinzjoni bejn dawk l-entitajiet kwalifikati għall-iskop ta' azzjoni rappreżentattiva fuq livell nazzjonali u dawk bl-iskop ta' azzjoni rappreżentattiva meta din taqsam il-fruntieri *(Art. 3 (6) and (7) RAD).*

| Azzjoni Rapreżentattiva nazzjonali | Azzjoni Rapprezentattiv li taqsam il-fruntieri |
|---|---|
| Azzjoni Rapreżentativa mgħamula fi Stat minn entita' kwalifikata mill-istess Stat.<br><br>*Eżż. Entita' kwalifikata f'**Malta** tieħu azzjoni f'**Malta**.* | Azzjoni Rapreżentattiva immexxija minn entita kwalifikata li tkun fi Stat Membru differenti fejn l-entita kwalifikata tkun rikonoxxuta fi Stat ieħor.<br>*Eżż. Entita' ikkwalifikata fi **Slovakja** u tieħu azzjoni fil-**Litwanja**.* |

Meta entita' ikwalifikata tieħu azzjoni rapprezentattiva ġo l-istess Stat Membru li tkun inħatret, din l-azzjoni titqies bħala azzjoni nazzjonali minkejja jekk in-negozjant ikun joqgħod ġo Stat Membru ieħor jew azzjoni li tolqot konsumaturi li joqgħodu fi Stati Membnri differenti. **Hu l-Istat Membru fejn ser issir l-azzjoni li jrid jiddeċiedi it-tip ta' azzjoni rapprezentattiva li tittieħed**. (*Recital 23 RAD*).

## 4.4. Kif issir entita' kwalifikata

**Huma l-Istati Membri li jiddeċiedu min jikkwalifika bħala entita' kwalifikata sew għall-azzjonijiet nazzjonali jew azzjonijiet li jinvolvu aktar minn Stat Membru wieħed** (*Art. 4(1), (2) RAD*). Biss il-kwalifiki biex entita' ssir entita' kwalifikata li tista' tieħu azzjonijiet rapprezentattiva f'aktar minn Stat wieħed ġejjin mid-Direttiva dwar Azzjonijiet Rapprezentattivi (*Article 4(3) RAD*).

Fl-istess ħin huma l-Istati Membri li jiddeċiedu l-kwalifiki meħtieġa għall-azzjonijiet rapprezentattivi, basta dawn ikunu konformi mad-Direttiva (*Art. 4(4) RAD*).

***Ħtiġiet biex issir Entita' Kwalifikata għall-azzjonijiet rappreżentattivi <u>f'aktar minn Stat Membru wieħed.</u>***

✓ **Ħtiġiet dwar <u>l-ISTRUTTURA</u> ta' entita' kwalifikata:**

- Iridu jkunu persuna legali skont il-liġijiet tal-Istat Membru *(Art. 4(3)a RAD).*
- Iridu jkunu entitajiet bla għan ta' qligħ *(Art. 4(3)c RAD).*

✓ **Ħtiġiet dwar <u>l-ATTIVITAJIET</u> tal-entita' kwalifikata:**

- Iridu juru attivita' ta' 12-il xahar fil-qasam tal-ħarsien tal-interessi tal-konsumaturi qabel l-applikazzjoni *(Art.4(3)a RAD).*
- L-istatut irid kollu l-għanijiet leġittimi li jħares l-interessi tal-konsumaturi *(Art. 4(3)b RAD).*
- Ma jistgħux ikunu mdaħħlin fi proċeduri ta' falliment jew iddikjarati falluti *(Art. 4(3)d RAD).*

✓ **Ħtiġiet dwar <u>L-INDIPENDENZA</u> tal-entita' kwalifikata:**

- Iridu jkunu indipendenti u mhux influwenzati minn oħrajn li mhux konsumaturi *(Art. 4(3)e RAD).*
- Irid ikollhom proċeduri li ma jħallux konflitt ta' interess bejnhom, l-interess tal-konsumaturi u nies jew entitajiet oħra li jkun qed jgħinu finanzjarjament biex issir l-azzjoni *(Art.4 (3)e RAD).*

✓ **Ħtiġiet dwar <u>IT-TRANSPARENZA</u> tal-entita' kwalifikata:**

- Iridu juru pubblikament, f'lingwa sempliċi u li tiftihem (partikolarment fil-*website*) informazzjoni li turi li huma konformi mal-kriterji msemmija aktar 'il fuq, kif ukoll informazzjoni minfejn iġibu l-fondi tagħhom, l-istruttura tal-organizzazzjoni, l-istruttura tal-membri tagħhom, l-istatut, u attivitajiet tagħhom *(Art. 4(3)f RAD).*

***Ċekkjatura biex issir entita' kwalifikata għall-azzjonijiet rappreżentattivi b'għan li jittieħdu azzjonijiet rappreżentattivi <u>DOMESTIĊI</u>:***

Il-lista ta' ħtiġiet biex issir entita' kwalifikata bl-għan li tkun tista' tieħu azzjoni rappreżentattiva tiġi magħmula fuq **<u>livell nazzjonali.</u>** Id-Direttiva tal-Azzjonijiet

Rappreżentattivi taċċetta li l-ħtiġiet nazzjonali jkunu l-istess bħal dawk li japplikaw għall-azzjonijiet f'aktar minn Stat Membru wieħed jew inkella jkunu differenti basta dawn tal-aħħar ikunu jaqblu mal-oġġettivi tad-Direttiva (*Art. 4(4) RAD*).

<table>
<tr><th colspan="3">Ħtiġiet biex entitajiet kwalifikati biex jieħdu azzjoni rappreżentattiva f'pajjiżhom</th></tr>
<tr><td>Anqas stretti minn dawk li japplikaw għall-entitajiet kwalifikati biex jieħdu azzjoni f'aktar minn Stat Membru wieħed.</td><td>Aktar stretti minn dawk li japplikaw għall-entitajiet ikkwalifikati li jieħdu azzjoni rappreżentattiva f'aktar minn Stat Membru wieħed.<br><br>eżż, Stat Membru jista' jitlob li entita' kwalifikata jkollha numru ta' membri mħallsa.</td><td>L-istess kwalifiki li japplikaw għal dawk l-entitajiet kwalifikati li jistgħu jieħdu azzjoni rappreżentattiva f'aktar minn Stat Membru wieħed (ara aktar 'il fuq).</td></tr>
<tr><td colspan="2">L-Istat Membru hu obbligat li jara li l-ħtiġiet jaqblu mal-oġġettivi tar- RAD.</td><td></td></tr>
</table>

## 4.5. X'inhuma r-responsabbilitajiet meta entita' ssir kwalifikata?

Skont il-prinċipju ta' għarfien ta' xulxin bejn l-Istati Membri fid-Direttiva dwar Azzjonijiet Rappreżentattivi, entita' li tiġi kkwalifikata ġo Stat Membru biex tieħu azzjoni f'aktar minn Stat Membru wieħed, tkun ukoll rikonoxxuta fl-Istati Membri l-oħra (*Art. 6 RAD*).

Tul il-proċeduri tal-azzjoni, entitajiet kwalifikati għandhom id-drittijiet u l-obbligi tal-parti li tkun qed tagħmel talba. Il-konsumaturi individwali jgawdu mill-azzjonijiet tal-entitajiet kwalifikati mingħajr ma jieħdu sehem fil-proċeduri (*Art. 7(6) RAD*).

***Il-konsumaturi jistgħu jindaħlu fil-proċeduri waqt azzjoni rappreżentattiva?***

Il-konsumaturi li jkunu rappreżentati f'azzjoni rappreżentattiva mhumix imdaħħla bħala parti mill-proċeduri legali. Għalhekk konsumatur individwu ma jistax jindaħal fid-deċiżjonijiet tal-entita' kkwalifikata tiegħu waqt il-proċeduri u lanqas jista' jitlob xhieda waqt il-proċeduri. Biss l-Istati Membri jistgħu jipprovdu ċerti drittijiet lill-konsumaturi individwali li jkunu rappreżentati (eż. Id-dritt lill-individwu konsumatur jappella mid-deċiżjoni imma fl-interess tiegħu biss).

## 4.6. L-informazzjoni fuq l-entitajiet kwalifikati hi pubblikata?

L-Istati Membri jridu jagħmlu lista tal-entitajiet kwalifikati rikonoxxuti li jistgħu jagħmlu azzjoni kollettiva f'aktar minn Stat Membru wieħed. Il-lista li tinkludi informazzjoni dwar l-isem u l-għan tal-entita' trid tkun ippubblikata. Il-Kummissjoni Ewropea tiġbor l-informazzjoni mill-Membri Stati kollha u tippubblika din il-lista ta' entitajiet kwalifikati li jistgħu jieħdu azzjoni barra mill-Istat tagħhom. Din il-lista tkun aġġornata kull meta xi Stat Membru jagħmel xi tibdil fil-lista tal-entitatijiet kwalifikati *(Art. 5(1) RAD).*

L-istess, l-Istati Membri jridu jippubblikaw il-lista tal-entitajiet ikkwalifikati li jistgħu jieħdu azzjoni kollettiva internament. (*Art. 5(2) RAD)*.

## 4.7. L-entitajiet Ikkwalifikati huma ċċekkjati? Jistgħu jitilfu r-rikonoxximent?

Stat Membru jew il-KE jista' jkollha dubju jekk entita' kkwalifikata għadhiex iżżomm mal-ħtiġiet biex tkun tista' tieħu azzjoni rappreżentattiva f'aktar minn Stat Wieħed. F'dan il-każ, l-Istat Membru li għaraf l-entita' jrid jagħmel investigazzjoni. L-Istat Membru jista' jirtira l-għarfien tal-entita' jekk l-entita' ma tkunx għadha tissodisfa il-ħtiġiet. L-Istati Membri, mill-anqas kull ħames snin, iridu jiċċekkjaw jekk l-entitajiet kwalifikati għandhomx jissodisfaw il-kriterji li hemm fl- Art 4(3) RAD *(Art. 5(3) u (4) RAD).*

In-negozjanti li jkunu difensuri fl-azzjoni Rappreżentattiva jistgħu jqajmu tħassib ġustifikat quddiem il-qorti jew awtorita' amminstrattiva, jekk l-entita' rapreżentattiva tissodisfax il-kriterji msemmija f'*Art. 5 (3) RAD.*

# 5. IL-GRUPPI TA' KONSUMATURI LI JITOLBU RIMEDJI KOLLETTIVI: META U KIF KIF JITWAQQFU?

## 5.1 Il-konsumaturi li għalihom tittieħed azzjoni f'isimhom

L-entita' kwalifikata trid tiddeċiedi **liema grupp ta' konsumaturi** tkun ser tieħu azzjoni f'isimhom. **Id-Direttiva għall-Azzjonijiet Rappreżentattivi** taċċetta diversi forom ta' gruppi.

Bħala eżempju nikkunsidraw sitwazzjoni bħal Dieselgate fejn din laqtet konsumaturi minn Stati differenti. F'sitwazzzjoni bħal din l-azzjoni tista' tittieħed f'isem gruppi differenti ta' konsumaturi:

- **Azzjoni rappreżentattiva Ewropea hi possibbli**. Għaqda tal-konsumaturi, jekk hi entita' kwalifikata, tista' tieħu azzjoni waħda f'isem dawk il-konsumaturi kollha fil-pajjiżi kollha li jkunu ntlaqtu. Azzjoni bħal din hi konformi sew mal-liġiiet tal-UE u sew dawk Internazjonali u privati (ara Sezzjoni 11 aktar 'l isfel).

- **L-istess għaqda** tista' tiddeċiedi li, għal raġunijiet strateġiċi, **tirrappreżenta biss konsumaturi milquta f'Istat jew żewġ Stati Membri biss.**

- **Diversi organizzazzjonijiet** minn pajjiżi differenti jistgħu jingħaqdu biex jieħdu azzjoni waħda jew azzjoni simili għal gruppi differenti ta' konsumaturi milquta fl-istess każ.

Hu importanti għall-entita' kwalifikata li tiddeċiedi jekk tieħux azzjoni rappreżentattiva biex twaqqaf azzjoni jew għall-kumpens jew it-tnejn f'daqqa. Jekk l-azzjoni tittieħed biss biex twaqqaf azzjoni jew ma tħallix azzjoni ssir, is-sistema ta' kif jiġu iffurmati l-gruppi – (opt-in) jew (opt-out) – ma tapplikax.

## 5.2. Opt-in u opt-out

Il-formazzjoni tal-grupp tal-konsumaturi li f'isimhom tkun ser tittieħed azzjoni għandha żewġ forom:

***Proċedura Opt-in***: il-konsumaturi milquta **primarjament ma jiffurmawx parti mill-grupp** li f'isimhom tkun ser tittieħed azzjoni **sakemm dawn ma jindikawx li jridu jkunu parti mill-grupp** li f'ismu tkun ser tittieħed azzjoni.

- ***Proċedura Opt-out***: **Il-konsumaturi kollha primarjament jiffurmaw parti** mill-grupp tal-konsumaturi rapreżentattiv **sakemm ma jindikawx li huma ma jridux** jieħdu sehem f'azzjoni.

Fi kliem sempliċi, is-sistema opt-in teħtieġ li l-konsumatur irid juri xewqa tiegħu biex jidħol fil-grupp, filwaqt li s-sistema opt-out teħtieġ li l-konsumatur juri x-xewqa li ma jkunx parti mill-grupp.  Id-differenza bejn dawn iż-żewġ mudelli toħroġ hawn taħt:







## 5. 3 Għaliex hi importanti?

It-tajjeb u l-ħażin ta' kull sistema (opt-in u opt-out) ilhom jiġu diskussi.  Xi studji wrew li s-sistema opt-out ikun fiha ħafna aktar parteċipanti mis-sistema opt-in.  Dan għaliex ftit nies juru xewqa li ma jipparteċipawx.  Esperti li ħadu sehem f'azzjonijiet parteċipanti jargumentaw li s-sistema opt-in mhux effiċjenti għaliex barra li hi twila u fiha spiża tiffaċċja wkoll l-apatija tal-konsumaturi – l-istess apatija fejn ħafna konsumaturi li jagħmlu talbiet għall-kumpens. Biss xi kultant, is-sistema opt-out hi kuntrarja għall-proċeduri legali (fi Franza, hu meħtieġ li min jieħu parti jrid ikun magħruf u parteċipi - '*nul ne plaide par procureur'*).

## 5.4. Min jiddeċiedi liema sistema tintuża?

- ***Id-Direttiva dwar Azzjonijiet Rappreżentattivi***

Id-Direttiva dwar Azzjonijiet Rappreżentattivi tħalli f'idejn l-Istati membri biex jiddeċiedu jekk jużawx il-mekkaniżmu opt-in jew dak opt-out jew procedura li tuża t-tnejn *(Art. 9(2)-(4)) RAD).* Stati Membri jistgħu jiddeċiedu li dejjem jużaw l-istess mekkaniżmu, bħal f'Malta, jew jużaw tip wieħed ta' mekkaniżmu f'ċertu oqsma waqt li l-ieħor jintuża f'oqsma differenti.  L-Istati jistgħu wkoll iħalluha f'idejn il-qorti biex tiddeċiedi, skond il-każ, liema mekkaniżmu għandu jintuża.

Biss, skont id-Direttiva dwar Azzjonijiet Rappreżentattivi dejjem teħtieġ li s-sistema opt-in <u>dejjem</u> tintuża f'każi fejn konsumaturi ma jkunux ġejjin mill-pajjiż tal-qorti jew l-awtorita' amministrattiva fejn ser tkun tittieħed l-azzjoni.

*Eżempji:*




- ***Opt-in jew opt-out fil-mekkaniżmu tal-kumpens kollettiv nazzjonali***

Kif jidher hawn taħt, Stati Membri differenti għażlu mekkaniżmi differenti għall-azzjonijiet rappreżentattivi interni.

| **Pajjiż** | | | |
|---|---|---|---|
| **Mekkaniżmu** | Opt-in biss | Opt-out | Opt-in *OR* Opt-out |
| **Min jiddeċiedi?** | Skont il-liġi | Skont il-liġi | Il-liġi tagħti ċerta poteri lill-qrati (ara aktar l-isfel) |

**Nota: Malta ippubblikat Abbozz biex jamenda l-Att dwar Proċeduri Kollettivi preżenti, li jipprovdi biss Opt-in: dan ifisser li konsumatur, biex jkun inkluż fl-azzjoni kollettiva, irid japplika.**



***Fil-Belġjum Opt- in jew opt-out? Tiddeċiedi l-qorti***

Fil-Belġjum, il-qrati jistgħu jiddeċiedu liema mekkaniżmu jintuża. Il-qrati jiddeċiedu meta tibda l-azzjoni skont il-każ. Biss hemm eċċezzjonijiet għal din il-liġi.

- L-ewwel, meta l-azzjoni tkun biex ikun hemm kumpens għall-ħsara fiżika jew morali, il-proċedura hi **dejjem opt-in.**
- It-tieni, **is-sistema opt-in dejjem** tapplika għal dawk il-membri li ma joqogħdux il-Belġjum.

## 5.5. Meta l-konsumaturi jkoll opt-in jew opt-out?

- ***Id-Direttiva ta' Azzjonijiet Rappreżentattivi***

Id-Direttiva ta' Azzjonijiet Rappreżentattivi tħalli f'idejn l-Istati Membri li jiddeċiedu meta l-membri ikunu opt-in jew opt-out f'azzjonijiet rappreżentattivi *(Art 9(2) RAD)*. Imma, l-aħjar li dan isir dejjem wara li l-azzjoni tkun tpoġġiet quddiem jew il-qorti jew l-awtorita' amministrattiva.

- ***Il-mekkaniżmu nazzjonali tal-kumpens kollettiv***

Fl-Ewropa hemm diversi mudelli. Jekk nieħdu Franza, din għandha sistema ta' 'opt-in tard'. L-ewwel, l-entita' li tkun qed tmexxi t-talba timxi waħedha bi ftit każi. F'dan l-istadju jkun għadu ma ffurmax il-grupp. Fit-tieni stadju, il-qorti tiddeċiedi dwar jekk hemmx każ kontra n-negozjanti, il-kriterji tal-konsumaturi li jistgħu jkunu involuti, u d-dati sa meta l-konsumaturi jistgħu jissieħbu mal-grupp. Kif ikun hemm deċiżjoni tal-qorti fuq dawn l-affarijiet, il-konsumaturi jkunu jistgħu jissieħbu.

# 6. KIF KULL KONSUMATURI JIĠI INFURMAT WAQT L-AZZJONI KOLLETTIVA

## 6.1. Min iżomm il-konsumaturi infurmati u meta jkunu infurmati?

Hu essenzjali li l-konsumaturi jkunu infurmati biex ikunu jafu meta bdiet l-azzjoni u anki dwar il-progress tal-proċeduri.



- ***Id-Direttiva tal-Azzjonijiet Rappreżentattivi***

Skont id-Direttiva, l-entitajiet kwalifikati jridu jżommu lill-konsumaturi kontinwament infurmati speċjalment fuq il-website dwar l-azzjoni rappreżentattiva li tkun għaddejja quddiem il-qorti jew awtorita' amministrattiva. Iridu jinfurmaw lill-konsumaturi f'liema stadju jkunu waslu u dwar id-deċiżjoni (*Art.13(1) RAD*).

Barra l-informazzjoni ġenerali ta' xi jkun għaddej, id-Direttiva tispeċifika ċerta informazzjoni dwar dak li jkun għaddej u dwar id-deċiżjoni.

Hu importanti li l-konsumaturi jkunu infurmati sew u fil-ħin, biex il-konsumaturi jkunu jistgħu jużaw id-dritt tagħhom, jekk iridux ikunu parti minn din l-azzjoni billi jużaw id-dritt tal-opt-in u l-opt-out. L-Istati Membri jrid ikollhom regolamenti dwar dan it-tagħrif li jrid jingħata (*Art.13(2) RAD*).

Barra dan, il-qorti jew l-awtorita' amministrattiva għandu jkollha r-responsabbilta' li tassigura li n-negozjant(ti) jridu jinfurmaw lill-konsumaturi individwalment, a spejjeż tagħhom, dwar id-deċiżjoni tal-azzjoni rappreżentattiva. Biss l-Istati Membri jista' jkollhom regoli fejn in-negozjant ikollu jinforma lill-konsumaturi individwali bid-deċizjoni jekk ikun mitlub mill-entita' kwalifikata.

Barra minhekk, l-Istati Membri xorta jistgħu jiddeċiedu fil-liġijiet nazzjonali li r-responsabbilta' biex il-konsumaturi jiġu infurmati bid-deċiżjoni tal-azzjoni legali ma taqax fuq in-negozju li tilef il-każ, imma jiġu infurmati mod ieħor. Finalment, id-deċiżjoni kif il-konsumaturi jiġu infurmati bid-deċiżjoni tista' toħroġ mill-qorti jew mill-awtorita' amministrattiva li jkunu iddeċidew (*Art. 13(3), Recital 62RAD)*.

Dawn il-metodi ta' kif il-konsumaturi jiġu infurmati tapplika wkoll għal meta l-azzjoni rappreżentattiva ma tiġix aċċettata *(Art. 13(4) RAD).* L-Istati Membri għandhom ukoll jassiguraw li l-parti li tkun rebħet il-każ tiġbor l-ispejjeż li tkun ħarġet fl-azzjoni rappreżentattiva *(Art. 13(5) RAD).*

Fl-aħħarnett, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jkollhom reġistru nazzjonali elettroniku jew *database* bl-informazzjoni ta' azzjonijiet rappreżentattivi li jkunu għaddejjin jew ġew deċiżi (*Art.14 RAD*).

- ***Il-mekkaniżmu nazzjonali ta' kumpens kollettiv***

Ir-regoli ta' kif il-konsumaturi jkunu infurmati u min ser joħroġ l-ispejjeż għal dan ivarjaw fost l-Istati Membri. Per eżempju, fi Franza, taħt il-liġijiet preżenti, l-għaqda li tkun qed tagħmel it-talba jistgħu biss jippubblikaw it-talba wara li l-qorti tkun iddeċidiet min hu responsabbli u din id-deċiżjoni tkun daħlet fis-seħħ.

Barra minhekk, numru ta' Stati Membri diġa' għandhom reġistru bl-informazzjoni dwar azzjonijiet rappreżentattivi. Fl-Olanda r-reġistru b'informazzjoni dwar azzjonijiet rappreżentattivi jinstabu fil-*website* ta' *Rechtspraak*: [*www.rechtspraak.nl/Registers/centraal-register-voor-collectieve-vorderingen/*](www.rechtspraak.nl/Registers/centraal-register-voor-collectieve-vorderingen/). Fil-Ġermanja, ir-reġistru qiegħed fuq il-*website* tal-Ministeru Federali tal-Ġustizzja (Bundesamt für Justiz):

www.bundesjustizamt.de/DE/Themen/Buergerdienste/Klageregister/Bekanntmachungen/Klagen_node.html

## 6.2. Kif għandhom jiġu infurmati il-konsumaturi dwar azzjonijiet għall-kumpens kollettiv?

- ***Id-Direttiva ta' Azzjonijiet Rappreżentattivi***

Skont il-Premessi 58 to 63 tad-Direttiva, l-informazzjoni li tgħaddi għall-konsumaturi trid tkun proporzjonata maċ-ċirkostanzi tal-każ. L-informazzjoni tista' tingħata b'modi differenti , inkluż:

- Il-*websites* tal-entitajiet kwalifikati jew tan-negozju
- Gazzetti nazzjonali jew lokali
- *Media* soċjali, u oħrajn.

- ***Mekkaniżmu għal rimedju kollettiv nazzjonali***

Ir-regoli jvarjaw fost l-Istati Membri. Fil-passat, numru ta' għaqdiet tal-konsumaturi kellhom kreattivita' kif jinfurmaw lill-konsumaturi. Per eżempju, fl-2014 fl-Italja, l-għaqda Altroconsumo organizzat numru ta' attivitajiet inkluż *flash mob* fid-daħla tal-istazzjonijiet tal-ferroviji fir-Reġjun tal-Lombardija. Bħala riżultati kien hemm aktar minn 6000 konsumatur li ssieħbu fl-azzjoni.

# 7. KIF TIDĦOL F'AZZJONI TA' RIMEDJU KOLLETTIV

## 7.1. Għalfejn hemm bżonn ta' regolamenti biex tissieħeb f'azzjoni ta' kumpens kollettiv?



L-iċċekkjar tal-konsumaturi li jidħlu f'azzjoni ta' rimedju kollettiv għandu żewġ għanijiet: L-ewwel, biex dawk il-każi bla bażi jieqfu mal-ewwel u b'hekk ma jkunx hemm azzjonijiet abbużivi. It-tieni, biex jiġu identifikati każijiet li l-aħjar jużaw proċeduri differenti minn azzjonijiet kollettivi.

Il-fażi biex tiġġustifika l-azzjoni legali għandha l-iżvantaggi tagħha għaliex ittawwal il-proċess u tagħmlu aktar ikkumplikat. L-esperjenza f'ċerti pajjiżi wriet li nħela ħafna żmien biex jiġi deċiż jekk il-każ kienx tajjeb biex jieħu l-forma ta' azzjoni rappreżentattiva u b'hekk kien hemm dewmien biex jiġu diskussi l-merti għat-talba għal kumpens.

## 7.2. X'inhuma l-ħtieġiet biex it-talba għal rimedju kollettiv tkun aċċettata?

- ***Id-Direttiva għall-Azzjonijiet Rappreżentattivi***

Id-Direttiva tipprovdi l-prinċipji ġenerali li jridu jiġu sodisfatti qabel mal-proċeduri ta' azzjonijiet rappreżentattivi jkunu jistgħu jkomplu *(Art. 7(3), (7) and Recitals 12, 31, 34, 39, 43, 49 and 52).*

Id-Direttiva tagħti ċerta wiesgħa lill-Istati Membri biex jiddeċiedu liema regoli jużaw biex jiddeċiedu jekk azzjoni rappreżentattiva hemmx bażi biex tista' tipproċedi (*Recital 12 RAD*). L-Istati Membri jistgħu japplikaw ir-regoli ġenerali għall-proċeduri ċivili jew inkella jagħmlu regoli speċifikament għall-azzjonijiet rappreżentattivi. Per eżempju, Stati Membri jistgħu jimponu numru ta' lmenti ta' konsumaturi biex azzjoni Rappreżentattiva tkun tista' tibda. Jistgħu wkoll jimponu regolamenti li jiddeċiedu kemm l-ilmenti mressqa jixxibħu. Biss dawn ir-regolamenti ma jistgħux jagħmlu azzjonijiet rappreżentattivi diffiċli biex jipproċedu. Barra minhekk ir-regolamenti m'għandhomx ikunu differenti sew għall-azzjonijiet rappreżentattivi domestiċi u dawk li jinvolvu azzjonijiet f'pajjiżi differenti.

- ***Mekkaniżmu għal rimedju kollettiv nazzjonali***

Fuq livell nazzjonali, ċerti Stati Membri inkludew numru ta' kundizzjonijiet sabiex azzjoni rappreżentattiva għall-kumpens kollettiv tiġi aċċettata, fosthom (*inter alia*):

- *Ħtieġa komuni*: it-talbiet individwali jridu jkunu simili li jqajmu problemi simili jew relatati ma' xulxin u/jew mal-istess liġi. Din il-ħtieġa hi komuni f'ħafna mill-Istati Membri li jaċċettaw proċeduri għall-kumpens kollettiv.
- *Htieġa superjuri*: il-proċedura ta' azzjoni rappreżentattiva trid tkun aktar effiċjenti milli kieku jitteħdu azzjonijiet individwali. Din il-ħtieġa tinstab fil-liġijiet ta' azzjonijiet għal rimedju kollettiv sew fil-Belġjum, id-Danimarka, il-Finlandja, l-Italja u l-Litwanja.
- *Ħtieġa numerika*: l-azzjonijiet rappreżentattivi huma aċċettabli sakemm ikun hemm numru partikolari ta' talbiet individwali simili. Din il-ħtieġa nsibuha fil-liġijiet tal-Litwanja u Franza.

## 7.3. Min hu responsabbli biex jaċċerta li azzjoni rappreżentattiva tissodisfa l-ħtiġiet tal-proċeduri legali?

Hi l-qorti jew l-awtorita' responsabbli, skont l-Istat Membru, li tiddeċiedi li l-ħtiġiet huma sodisfatti biex il-proċeduri legali jistgħu jibdew. Biss id-Direttiva għall-Azzjonijiet Rappreżentattivi xorta taċċetta li jekk azzjoni rappreżentattiva mhix aċċettabli, il-konsumaturi individwali jibqalhom id-dritt li jieħdu azzjoni individwali jew azzjoni kollettiva oħra biex jiksbu kumpens.

## 8. FONDI U FINANZJARJAMENT BIEX TITTIEĦED AZZJONI RAPPREŻENTATTIVA

Hemm tendenza li azzjonijiet għal rimedju kollettiv huma għoljin ħafna. Dan minħabba li dawn l-azzjonijiet jinvolvu eluf u xi kultant mijiet ta' eluf ta' talbiet individwali, kumpens għoli u ħafna problemi legali. B'hekk, ħafna drabi bazzjonijiet kollettivi jinvolvu mijiet ta' eluf ta' ewro.




Fl-Italja, l-azzjoni rappreżentattiva meħuda mill-Altroconsumo, għaqda tal-konsumatur, kontra Volkswagen swietilha madwar 200.000 euros biex tinforma u tħajjar lill-konsumaturi jipparteċipaw.

Hawn tidħol id-Direttiva għaliex tobbliga lill-Istati Membri sabiex jassiguraw li l-ispejjeż tal-proċeduri legali ma jkunux tali li azzjoni rappreżentattiva ma tkunx tista' tittieħed (*Art. 20 RAD*). Mezz minnhom hu li l-liġi tnaqqas l-ispejjeż diretti tal-qorti biex b'hekk jonqsu l-ispejjeż. Fil-Portugal, il-liġi tagħmel limitu ta' 66,000 euros għal proċeduri legali bħal dawn. Dan il-limitu jnaqqas sew l-ispejjeż legali peress li kieku dawn jistgħu jitilgħu għal miljuni ta' ewro. Fil-Ġermanja hemm limitu ta' 250.000 euros, li għalkemm hu aktar għoli mill-ieħor, xorta jnaqqas l-ispejjeż sew. Ir-RAD ukoll tagħmilha faċli li jkun hemm spejjeż moderati ħafna biex il-konsumaturi jkunu jistgħu jissieħbu f'azzjoni rappreżentattiva.

Minkejja dan, xorta l-ispejjeż jibqgħu għolja ħafna għall-għaqdiet tal-konsumaturi li ma jagħmlux profitt. Wieħed irid jiftakar li l-ispiża tal-avukati tkun għolja ħafna speċjalment jekk il-każ jgħaddi mill-istadji kollha legali. Dan barra li xi kultant ikollhom jitqabbdu esperti, isiru testijiet tal-laboratorju u tinġabar evidenza ġdida.

Minħabba dan, xi forma ta' finanzi, bħal fondi statali, fondi speċifiċi għall-azzjonijiet rappreżentattivi, insurance legali u fondi mingħand terzi persuni huma bżonnjużi. Kull ħaġa għandha d-diffikultajiet tagħha u għalhekk hu importanti li l-liġi tipprovdi aktar minn alternattiva waħda.

Waħda mill-aktar sorsi ta' fondi kontroversjali hi l-fondi minn terzi persuni. Ir-raġuni hi li min jipprovdi dawn il-fondi jkun irid jitħallas u għalhekk, sakemm dawn l-ispejjeż ma jiġux irkuprati fid-deċiżjoni (eż., fl-applikazzjoni tal-prinċipju 'min jitlef iħallas'), il-kumpens lejn il-konsumaturi jonqos. Minkejja dan, dan is-sors ta' fondi xorta għandu użu, speċjalment meta

l-ispiża tkun ser tkun għolja ħafna u b'hekk din l-azzjoni ma tkunx tista' tiġi ffinazjata mis-sorsi l-oħra. Wieħed irid jiftakar ukoll li min ser joħroġ il-flus qabel ma jagħmel dan ikun analizza sew il-każ u ra li hemm ċans tajjeb li jintrebaħ.

Id-Direttiva tirregola dan it-tip ta' fondi sabiex ma jkunx hemm abbużi (*Art. 10 RAD*). Dan l-artiklu jenħtieġ li l-Istati Membri, permezz tal-liġijiet, jassiguraw li ma jkunx hemm konflitti ta' interess. Dawn il-fondi minn terzi persuni minkejja li għandhom interess ekonomiku fl-azzjoni xorta ma jistgħux jinfluwenzaw l-azzjoni lil hinn mill-interessi kollettivi ta' konsumaturi.

Partikolarment, l-Istati Membri jridu jassiguraw li meta azzjoni rappreżentattiva tuża finanzi mingħand terzi persuni, id-deċiżjonijiet li l-entita' kkwalifikata ma jkunux influwenzati mit-tielet persuna a detriment tal-interessi tal-konsumaturi speċjalment meta jkun ser jintlaħaq ftehim bejn iż-żewġ partijiet. Fuq kollox, terzi persuni ma jistgħux jiffinanzjaw azzjonijiet kontra l-kompetituri tagħhom jew kumpaniji li jiddependu fuqhom. Il-qorti trid tassigura li ma jsirux dawn l-abbużi u tista' tobbliga lill-entita' li tkun qed tieħu l-azzjoni sabiex ma tużax dawn il-fondi u jekk ikun hemm bżonn tiċħad il-legalita' tal-entita' kwalifikata milli tieħu azzjoni.

# 9. SOLUZZJONIJIET BARRA L-QORTI U KUMPENS KOLLETTIV

## 9.1. Konsultazzjonijiet biex jintlaħaq ftehim

- ***Id-Direttiva dwar Azzjonijiet Rappreżentattivi***

Id-Direttiva tħalli li l-Istati Membri jimponu li qabel ma tibda l-azzjoni legali jkun hemm konsultazzjoni bejn l-entita' rappreżentattiva u n-negozju sabiex ikun hemm tentattiv sabiex jintlaħaq ftehim (*Art. 8(4) RAD*). Din il-konsultazzjoni tista' tintuża wkoll sabiex jintlaħaq ftehim għall-kumpens (*Recital 41 RAD*). Din il-konsultazzjoni bejn iż-żewġ partijiet ma tistax tieħu aktar minn ħmistax. Jekk il-ksur tal-liġi ma jintemmx fi żmien ħmistax, l-entita' rappreżentattiva tkun tista' ġġib immedjatament l-azzjoni rappreżentattiva quddiem il-qorti jew l-awotorita' amministrattiva.

- ***Mekkaniżmu nazzjonali ta' kumpens kollettiv***

Hemm Stati Membri li fil-liġi nazzjonali diġa' jimponu, li qabel ma l-każ jibda l-proċess legali, trid issir din il-konsulatzzjoni bejn l-entita' rappreżentattiva u negozju.

Per eżempju, ir-regoli Belġjani ta' azzjoni rappreżentattiva jirrikjedu li din il-konsultazzjoni trid issir qabel ma jibdew il-proċeduri biex jippruvaw jilħqu ftehim. It-tul tal-konsultazzjoni jigi deċiż mill-qorti wara li din tassigura li hemm bażi legali għal din l-azzjoni rappreżentattiva. It-tul tal-konsultazzjoni ivarja bejn tliet u sitt xhur. Dan jista' jitwal darba biss. Jekk tul dan il-perjodu ta' konsultazzjoni ma jintlaħaqx ftehim, tkun il-qorti li tieħu deċiżjoni fuq l-azzjoni.

**Fl'Abbozz Malti, il-Qorti responsabbli mill-azzjonijiet kollettivi tagħmel seduta qabel ma jibdew il-proċeduri formali biex tiddeċiedi jekk il-każ hux skond il-Liġi. Jekk il-Qorti tkun sodisfatta, il-Qorti tippermetti li l-proċeduri jkunu jistgħu jitkomplu. Id-diċiżjoni tkun ippubblikata u fijha jkun hemm il-perjodu li fih il-konsumaturi jkunu jistgħu japplikaw biex jieħdu sehem fl-azzjoni billi jirreġistraw mal-kwerelant (entita' kwalifikata) u jidħlu fi ftehim għall-ażżjoni kollettiva . Dan il-perjodu jkun sa 5 xhur mid-deċiżjoni.**

## 9.2. Ftehim għall-kumpens u l-iskrutinju tagħhom

- ***Id-Direttiva dwar Azzjonijiet Rappreżentattivi***

Fuq livell Ewropew, id-Direttiva tinkoraġġixi li jkun hemm ftehim kollettiv b'għan li l-konsumaturi li jkunu sofrew ħsara jingħataw kumpens *(Recital 53 RAD)*. L-entita' kkwalifikata u n-negozju jistgħu flimkien jipproponu lill-qorti jew l-awtorita' rappreżentattiva kumpens lil dawk il-konsumaturi li ntlaqtu. Il-qorti jew l-awtorita' amministrattiva, min-naħa l-oħra, jistgħu jistiednu liż-żewġ partijiet biex jilħqu ftehim fi żmien raġonevoli (*Art. 11(1) RAD*).

Il-qorti jew l-awtorita' amministrattiva jridu jeżaminaw dan il-ftehim propost miż-żewġ partijiet *(Art. 11 (2) RAD).* Iridu jiċċekkjaw li l-ftehim propost ma jmurx kontra l-liġi nazzjonali – per eżempju, ftehim li jħalli ċerti termini inġusti. Jekk l-Istati Membri jagħtu faċilita' biex jintlaħaq ftehim bejn iż-żewġ partijiet, il-qorti jew l-awtorita' amministrattiva trid tiżgura li dan il-ftehim hu wieħed ġust. Meta jsir dan trid tingħata attenzjoni lill-interessi tal-konsumaturi.

L-eżami tal-ftehim kollettiv għandu żewġ possibiltajiet (*Art. 11(3) RAD*):

- Il-qorti jew l-awtorita' amministrattiva **ma taċċettax** il-ftehim propost. F'dan il-każ il-proċeduri legali min-naħa tal-azzjoni rappreżentattiva jitkomplew.
- Il-qorti jew l-awtorita' amministrattiva **tapprova** l-ftehim propost. F'dan il-każ, dan il-ftehim jorbot sew lill-entita' kkwalifikata, in-negozju u lill-konsumaturi individwali. Hemm Stati Membri li jagħtu ċans lill-konsumaturi li jażlu jekk jintrabtu jew ma jintrabtux mal-ftehim.

- ***Il-Mekkaniżmu nazzjonali għal rimedju kollettiv***

Fuq livell nazzjonali hemm 10 Stati Membri[3] li jaċċettaw dan il-ftehim kollettiv. Ħafna minnhom jitfgħu responsabbilta' qawwija fuq il-ġudikatura li tassigura li l-ftehim li jkun intlaħaq bejn l-entita' kkwalifikata u n-negozju hi wieħed ġust.

[3] Fil-Belgium, Bulgaria, Denmark, France, Denmark, Italy, Lithuania, Netherlands, Poland, Portugal.

**L-analiżi ġudizzjarja tal-ftehim kollettiv**

Fl-Olanda, il-qorti trid tassigura sew li l-kumpens li jingħata lill-konsumaturi hu wieħed raġonevoli u sew li l-interessi tal-konsumaturi huma mħarsa. Il-qorti tista' titlob l-għajnuna ta' esperti fl-analiżi tal-ftehim.

L-analiżi li jassigura li l-ftehim hu wieħed ġust ikun ikkomplikat skont il-każ. Fl-Istati Uniti, il-"*Pocket Guide for judges"* li jirregola azzjonijiet kollettivi, isemmi lista ta' "*hot button indicators*" li juru aspetti ingusti ta' ftehim kollettiv u li l-ġudikatiura trid tagħtihom attenzjoni partikolari.

## 10. L-INFURZAR TAD-DEĊIŻJONIJIET FINALI U AMMONTI TA' KUMPENS MHUX MIĠBURA

Id-Direttiva tirrikjedi li l-Istati Membri jridu jassiguraw li l-konsumaturi jieħdu l-kumpens xieraq skont id-deċiżjoni mingħajr il-ħtieġa li jkunu jridu jieħdu azzjoni legali individwalment. L-Istati Membri jrid jkollhom regoli li jagħtu limiti ta' żmien li fih il-konsumaturi kollha jridu jirċievu l-kumpens li jkun ħareġ mill-azzjoni rappreżentattiva *(Art. 9 (6) and (7) RAD).*

Id-Direttiva ma timponix il-miżuri li jridu jittieħdu biex ir-rimedju kollettiv jew il-miżuri deċiżi jiġu mwettqa. Għalhekk, ir-regoli jvarjaw minn pajjiż għall-ieħor skont il-proċeduri li jimponi l-Istat Membru. Bħala eżempju naraw li ċerti Stati Membri (il-Belġjum u Franza), il-qorti tista' tappunta likwidatur jew *collective claim settlers* sabiex iwasslu l-kumpens lill-konsumaturi. Problemi li jinqalgħu waqt it-tqassim tal-kumpens jiġu deċiżi mill-qorti.

Jekk ikun hemm ammonti ta' kumpens li ma nġabrux mill-konsumaturi tul iż-żmien li kellhom jitqassmu, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu x'għandu jsir minn dawn il-flus *(Art. 9(7) RAD).* Jistgħu per eżempju, li jiddeċiedu li flus li ma tqassmux imorru ġo fond li jiffinanzja azzjonijiet rappreżentattivi futuri jew għal xi attivita' oħra.

**L-użu ta' flus mhux miġbura: l-eżempju ta' Provinċja Kanadiża tal-British Columbia**

Skont il-liġijiet li jirregolaw l-azzjonijiet ta' gruppi (*class action*) tal-Provinċja Kanadiża tal-British Columbia, meta jkun hemm flus li ntrebħu mill-konsumaturi mhux miġbura, il-qorti tordna li 50% minnhom jingħataw lil-Law Foundation of British Columbia, organizzazzjoni li ma tagħmilx qligħ u tgħin proġetti għall-aċċess tal-ġustizzja.

## 11. AZZJONIJIET GĦAL RIMEDJU KOLLETTIV F’AKTAR MINN PAJJIŻ WIEĦED

### 11.1. Entitajiet kwalifikati li jressqu azzjonijiet rappreżentattivi

Skont il-prinċipju għarfien bejn pajjiżi differenti, jiġifieri li pajjiż jgħaraf il-liġijiet ta’ pajjiż ieħor, l-entitajiet ikkwalifikati maħtura minn Stat Membru li jistgħu jieħdu azzjonijiet kollettivi f’aktar minn pajjiż wieħed, għandhom il-poter li jieħdu azzjonijiet fl-Istati Membri l-oħra (*Art. 6(1), 6(3) RAD*). Barra minhekk entitajiet kwalifikati minn pajjiżi differenti jistgħu jingħaqdu flimkien biex jieħdu azzjoni waħda (*Art. 6(2) RAD)*.




### 11.2. Regoli Internazzjonali ċivili japplikaw għall-azzjonijiet ta’ kumpens kollettiv

Aktar ma jiżdied it-tixrid ta’ prodotti u servizzi bejn il-pajjiżi, aktar tinxtered f’pajjiżi differenti wkoll il-ħsara li ssir meta jkun hemm sitwazzjonijiet li jolqtu ħażin lill-konsumaturi. Dan għaliex il-grupp ta’ konsumaturi li jkunu ntlaqtu ħazin f’dawn is-sitwazzjonijiet (eż. Dieselgate) ikun imxerred f’pajjiżi differenti.

L-UE ħolqot sistema kumplessa ta’ liġijiet għall-azzjonijiet ċivili internazzjonali li jinkludu:

- Regola 1215/2012 (“*Brussels 1 bis*”) fuq il-ġuriżdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-inurzar ta’ deċizjonijiet ta’ qrati fuq materji ċivili u kummerċjali.
- Regola 593/2008 (“*Rome 1*”) fuq il-liġi dwar obbligi kuntrattwali.
- Regola 864/2007 (“*Rome 2*”) fuq il-liġi dwar obbligi mhux kuntratwali.

Biss dawn il-liġijiet tal-UE għall-proċeduri ċivili internazzjonali kienu ppjanati għall-proċeduri li individwi jistgħu jieħdu u għalhekk bi proċeduri bbażati fuq ‘individwu vs individwu’. U għalhekk jinqalgħu ħafna mistoqsijiet meta jkun hemm proċeduri li jinvolvu gruppi ta’ nies.

Dan għaliex it-talbiet ikunu ġejjin minn ċentri differenti li jinvolvu ħafna ċentri ta' proċeduri u nies minn pajjiżi differenti.

Id-Direttiva dwar Azzjonijiet Rappreżentattivi m'għandha l-ebda relazzjoni mal-liġijiet ta' proċeduri ċivili internazzjonali. Dan ifisser li ma hemmx regoli speċifiċi għall-azzjonijiet legali li jinvolvu talbiet li ġejjin minn pajjiżi differenti.[4] Għalhekk l-entitajiet ikkwalifikati jridu jkomplu jibbażaw fuq ir-regola Brussels 1 bis biex jiddeċiedu liema ġurisdizzjoni għandhom jieħdu azzjoni rappreżentattiva.

***Qorti tal-Ġustizzja tal-UE u l-applikazzjoni tal-liġijiet ċivili internazzjonali tal-UE meta jkun hemm talbiet minn gruppi***

F'diversi deċiżjonijiet il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE tat gwidi fuq l-applikazzjoni tar-regoli ċivili internazzjonali meta jkun hemm talbiet ġejjin minn gruppi kbar ta' individwi. Per eżempju, fid-deċiżjoni C-343/19 of 9 July 2020, il-CJUE interpretat Art. 7(2) fir-regola Brussels 1 bis fil-kuntest ta' Dieselgate. Hi aċċettat li konsumaturi li ġew milquta minn din il-problema jistgħu jieħdu azzjoni quddiem il-ġuriżdizzjoni ta' pajjiżhom.

## 12. AKTAR RIŻORSI U REFERENZI OĦRA

- Id-Direttiva dwar Azzjonijiet Rappreżentattivi
- Patt Ġdid għall-Konsumaturi
- *European Parliament briefing on the adoption of the Representative Actions Directive* (2020)
- Rapport fuq l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu għal rimedju kollettiv minn Stati Membri (2018)
- *Study on the State of Collective Redress in the EU in the context of the implementation of the Commission Recommendation* (2017)
- *Study on Collective redress in the Member States of the European Union* (2018)
- *Commission Recommendation on collective redress and its implementation* (2013)
- *Consumer Justice Enforcement Forum* (CoJEF)
- Dokumenti, *papers* ta' diskussjoni u rapporti ppreparati mill-EC għall-Workshop on the Representative Action Directive li sar f'Novembru 2021.

[4] Ara wkoll il-każ 167/00 VKI v Henkel, 1 October 2002 (ECLI:EU:C:2002:555).

CONSUMERPRO

BOOSTING PROFESSIONALS
IN CONSUMER PROTECTION

European
Commission

This document has been produced under a service contract with the European Commission. The content of it represents the views of the author only and is his/her sole responsibility. The European Commission does not accept any responsibility for use that may be made of the information it contains.